**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 29.11.09: L-EWWEL ĦADD TAL-AVVENT.**
Illum tibda s-Sena Liturġika. Is-sena tal-Knisja, li tibda bil-Ħdud ta' l-Avvent bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteru tat-twelid ta' Ġesu' fil-Milied.

**IT-TNEJN, 30.11.09: FESTA TA' SANT'ANDRIJA APPOSTLU**

**IT-TLIETA**, **1.12.09: Fis-6.30p.m**. issir il-laqgħa tal-Grupp tal-kelma ta' Alla. Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.

**IL-ĦAMIS, 3.12.09: Jum Dinji tal-Persuni b'Diżabilita'**
L-Ewwel Ħamis tax-Xahar

**Fis-7.00a.m**. ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**Fis-6.30p.m. LAQGĦA GĦAT-TFAL TAL-GRIŻMA**
Illum se jkollna laqgħa oħra għat-tfal li din is-sena se jirċievu s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Din se tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
Dawn it-tfal huma mitluba biex jattendu kollha fil-ħin u jġibu magħhom ix-xogħol li kellhom jagħmlu kif ingħatalhom fl-aħħar laqgħa.

**IL-ĠIMGĦA, 4.12.09:** L-EWWEL ĠIMGĦATAX-XAHAR
Illum ikun hawn Ġesu' espost għall-Adorazzjoni tagħna mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l qudiem.
Nagħmel appell ħerqan biex nagħmlu ftit sforz ħalli nsibu ħin biex niltaqgħu ma' Ġesu' f'dan is-Sagrament.
Ikun hawn Adorazzjoni organizzata mit-8.00 sad-9.00a.m.; mis-2.30p.m. sat-3.30p.m. u mill-5.00p.m. sas-6.00p.m.
**Fis-6.00p.m.** quddiesa bis-sehem tal-Grupp tal-Kitarri u bi ħsieb kateketiku.
**Fit-8.30p.m.** quddiesa ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar għall-gradwati u professjonisti kollha fil-knisja ta' Santu Wistin Victoria u tkun immexxija minn Fr Joe Borg
Qabel il-quddiesa jkun hemm il-konfessur għall-qrar.

**IS-SIBT, 5.12.09: LAQGĦA GĦALL-KOPPJI**
**Fis-6.45p.m.** se ssir laqgħa oħra għall-koppji miżżewġin; dawk li żżewġu f'dawn l-aħħar ħames snin.
Din se tkun fid-Dar Parrokkjali .
Inħeġġu lil dawn il-koppji biex ma jitilfux dawn il-laqgħat .

**IL-ĦADD, 6.12.09: IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT**

**IL-KARDINAL MILL-GDID FOSTNA**

Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Novembru, il-Kardinal Peter Turkson li kien ġie fil-parroċċa għall-festi ċentenarji, reġa ġie jikkonċelebra mas-saċerdoti tal-parroċċa tagħna. Huwa ġie Għawdex fuq stedina biex jagħti l-irtir lill-Kappillani ta' Malta u Għawdex li sar f'Manresa.
Xahar ilu dan il-Kardinal ġie nominat mill-Papa bħala responsabbli mill-Kunsill Pontifiċju għall-Paċi u l-Ġustizzja
fil-Belt tal-Vatikan.
Huwa bniedem imfaħħar għall-ħila kbir tiegħu u jgawdi stima mill-ghola awtoritajiet tal-Knisja.
Il-Parroċċa tagħna, b'sens ta' gratitudni lejħ, f'din l-okkażjoni offrietlu is-somma ta' **€300** għall-karita'. Dawn ingħataw mill-fond tal-karita' tal-parroċċa.
Minn qalbna nawgurawlu kull suċċess fil-kariga l-ġdida

**GĦOTI TAD-DEMM**
Il-Ħadd, 29 ta' Novembru se jsir l-ġbir tad-Demm fl-Isptar Ġenerali Mit-8.00a.m. sas-1.00p.m. Ħudu l-Karta ta' l-Identita' magħkom.

**Il-ĠABRA** għall-Karita kienet is-somma ta' €344. Grazzi. Il-karita' hija sinjal ta' maturita' u ġenwinita' tal-ħajja nisranija.